MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 504/1997/1

**Michael Fenech**

**Vs**

**Joseph Cassar**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-7 ta' Marzu 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut xtara minghand l-attur diversi ingenji u dan fis-17 ta' Dicembru 1989 skond skrittura relattiva u dan versu l-prezz ta' erbat elef, mija u hamsin lira Maltija (Lm4150);

Premess illi sussegwentement il-konvenut irrikonoxxa dan id-debitu tieghu li qatt ma hallas b’ ittra iffirmata minnu fit-18 ta’ Dicembru 1992 (Dok. B);

Premess illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas lill-attur din is-somma sallum ghadu ma hallas xejn;

Premess illi jezistu c-cirkostanzi kontemplati ai fini ta’ l-Artikolu 167 - 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif kontemplat fl-Artikolu 167 - 170 tal-Kapitolu 12;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erbat elef, mija u hamsin lira Maltija (Lm4150);

Bl-ispejjez u l-imghax;

Rat l-affidavit ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-nota ta’ l-attur intavolata fid-29 ta’ April 1997 li permezz taghha rriduca t-talbiet tieghu minn Lm4150 ghal Lm2075 stante li l-bilanc ta’ Lm2075 qed jintalab minn Alfred Fenech f’ kawza ohra fl-ismijiet “Alfred Fenech -vs- Joseph Cassar” (Citaz. Nru. 690/97GV);

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Mejju 1997 meta il-konvenut inghata l-fakolta biex jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-2 ta’ Gunju 1997, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenut ma kellux jitharrek personalment imma kellha titharrek is-socjeta` li kien u

ghadu jinnegozja f' isimha, jigifieri, Cranes & Commercial Sales Limited, li fis-sena 1987 kienet Joseph Cassar Auto Parts Limited;

2. Fit-tieni lok, konnessa ma' din il-kawza hemm kawza ohra dwar l-istess suggett u cjoe`, citazzjoni 690/97 GV, fl-ismijiet "Alfred Fenech -vs- Joseph Cassar", li d-decizjoni taghha tista' tolqot id-decizjoni ta' din il-kawza u li allura din il-Qorti tista' tordna li jigu mismughin flimkien skond l-Artikolu 793 tal-Kapitolu 12;

3. Fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenut ma ghandu jbati ebda danni u allura ma ghandu jhallas ebda imghax ghax hu stess bata danni minhabba li l-attur baqa' ma ttrasferix l-erba' (4) vetturi bil-mutur ma' l-Awtoritajiet u b' hekk zamm lill-konvenut milli jbieghhom;

4. Fis-17 ta' Dicembru 1987 il-konvenut kellu jiehu minghand l-attur u huh Alfred is-somma ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm410) li hallihielhom bhala depozitu, kif huwa muri fuq wara tad-dokument li jgib l-iskrittura in kwistjoni u li qieghed fil-pussess tal-konvenut, u allura mis-somma mitluba fic-citazzjoni ghandu jonqos dan id-depozitu akkont;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tat-13 ta' Frar 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xiehda moghtija;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar 2004 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Fl-istat li fih waslet din il-kawza l-kwestjoni li fadal pendenti bejn il-partijiet tirrigwarda unikament il-kap ta' l-ispejjez. Dan ghar-raguni illi fil-mori tal-gudizzju ntlahaq qbil bejniethom dwar il-hlas reklamat mill-attur, kif evidenzjat mill-iskrittura ta' ftehim tas-27 ta' Frar 2001 esebita a fol. 96 tal-process. In effetti mix-xhieda ta' Cettina Zammit, rapprezentant tal-HSBC (fol. 118) jirrizulta illi l-ammont stabbilit bhala sorte f' dik l-iskrittura gie pjenament sodisfatt;

Hu principju pacifikament akkolt illi l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju (**Kollez. Vol. XLI P I p 612**);

Il-Qorti ghalhekk ser ikollha tezamina l-meritu unikament biex tara u tistabbilixxi jekk tezistix fil-kaz prezenti, tali raguni;

Il-kontroversja bejn il-kontendenti taf l-origini taghha lill-fatt illi l-konvenut baqa' ma hallasx dak li kellu jhallas fiz-zmien espressament pattwit skond il-ftehim tas-17 ta' Dicembru 1987 (fol. 66 b' kopja tieghu wkoll a fol. 27); f' dan il-kaz, is-sehem spettanti lill-attur mis-somma akkordata ghall-bejgh ta' erba' *tractor units* u *chassis*, li l-attur flimkien ma' huh, bieghu lill-konvenut;

B' dan id-dokument provvdut minnu l-attur wera li, bl-oppost ta' dak eccepit mill-konvenut, il-ftehim gie konkluz bejn il-partijiet fil-veste personali taghhom u mhux ghan-nom ta' xi kumpanija. Dan gie profuzament dikjarat u spjegat mill-attur kemm fl-Affidavit tieghu (fol. 24) kif ukoll fid-deposizzjonijiet estensivi tieghu a fol. 53 u fol. 59;

Inoltre huwa wera wkoll illi l-addebitu lilu tan-nuqqas tat-transfer tal-vetturi lill-konvenut ma kellha l-ebda legittimita`

in kwantu jekk kien hemm ostakoli mal-Pulizija minhabba kwestjoni mal-Enemalta dan ma kienx jikkoncerna lilu personalment izda se mai lil kumpanija tieghu. Dippju ma kien hemm l-ebda mpediment partikolari biex ma jsirx it-transfer ghajr ghal fatt illi l-konvenut baqa’ inadempjenti fil-hlas minnu dovut fiz-zmien preskritt. Effettivament l-attur jirreferi *expressis*, fil-kors tal-kontro-ezami, illi skond ma xehed Brian Farrugia, rapprezentant tad-Direttur tat-Traffiku, moghtija fil-kawza l-ohra per Citazzjoni Numru 690/97 “mill-files tal-vetturi in kwistjoni ma jidher li hemm xejn li jimpedixxi li jsir it-transfer ta’ dawn il-vetturi” (fol. 62). Proprju f’ dan l-istess kuntest l-attur issokta jtenni li “ma kien hemm xejn xi jzomm milli jsir it-transfer hlief li s-Sur Cassar jaghmel il-pagament.”;

Fl-istat ta’ l-atti processwali l-prova posittiva fornita mill-attur hi ferm aktar attendibbli meta konfrontata ma’ l-attitudni negattiva tal-konvenut fir-rifjut tieghu li jhallas dak minnu dovut u meta ma kien hemm verament xejn x’ izommu milli jaghmel dan, u b’ hekk jonora l-obbligazzjoni minnu assunta fuq il-ftehim;

F’ dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tara xejn ta’ gustifikazzjoni fil-kontestazzjoni tal-konvenut. Anzi hi l-ferma konvinzjoni taghha illi ma jkunx gust u lanqas ekwu fuq il-bazi tal-provi illi timputa lill-attur xi parti mill-ispejjez f’ dan il-kuntest;

Naturalment pero` l-konvenut ma ghandux jbati spejjez gudizzjarji hlief dawk relattivi ghal nofs is-somma specifikata fic-citazzjoni. Somma li l-attur irrealizza li ma kinetx kollha dovuta lilu tant li fl-istadju inizzjali tal-kawza hu stess irreduca t-talba minn erbat elef mija u hamsin lira ghal elfejn u hamsa u sebghin lira (Lm2075). Ara Nota a fol. 10 tal-process. Mod iehor il-konvenut ikun inekwament ikkundannat ihallas ferm in eccess ta’ dak minnu realment dovut tenut qies tal-proceduri inizzjati minn hu l-attur kontra l-istess konvenut per Citazzjoni Numru 690/97.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici, kif ridotta, gjaladarba l-hlas mill-konvenut gie saldat fil-mori tal-gudizzju;

Tikkundanna imma lill-konvenut ihallas l-ispejjez gudizzjarji b’ dan pero` illi hu ghandu jbati biss dik il-parti kalkolata skond taxxa fuq l-ammont ta’ elfejn u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm2075) kif superjorment spjegat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------